TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 88/19/B

Rose Ann Bilocca
Vs
Moods

Illum, 17 Frar, 2020

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-30 ta' Lulju 2019

Ra r-risposta tal-intimata datata 23 ta' Settembru 2019

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti qed titlob hlas fl-ammont ta' € 30 rapprezentanti gakketta illi hija xtrat minghand l-initmata izda li wara ftit xhur tqatta z-zip tal-istess gakketta

Illi fir-risposta taghha, l-intimata cahdet it-talba tar-rikorrenti u dan peress illi l-hsara fiz-zip kien tqatta minhabba negligenza tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti xehed bil-gurament illi hhija kienet xtrat gakketta minaghnd l-initmata u li wara ftit drabi li ntlibset il-gakketta iz-zip kien nfetah. Illi hija xehdet illi kienet irritornat l-istess gakketta lura u l-intimata kienet offriet illi tirrnaga l-istess zip. Illi filfatt din it-tiswija saret dakinhar stess. R-rikorrenti pero' lmentat imma meta regghet libset il-gakketta dan rega tqatta'. Hija sahqet illi l-initmata rrifjutat illi tirrifondi lura l-gakketta u/jew issewwi l-istess zip.

Illi l-initmata spjegat illi r-rikorrenti kienet giet l-ewwel darba bi problema fiz-zip tal-gakketta u dan peress illi l-istess gakketta kienet miftuha. Illi xehdet illi kien offriet lir-rikorrenti sabiex tibdel l-gakketta pero' r-rikorrenti riedet dik il-gakketta peress illi ma kienx hemm ohra l-istess tip. Illi l-partijiet ftehmu illi l-intimata kellha tirranga l-istess zip. Illi l-intimata hadet l-istess gakketta ghand certu 'Meli' sabiex jirranga l-istess zip u filfatt huwa hekk ghamel. Illi l-intimata tghid illi qabel rritornat l-gakketta lir-rikorrenti kienet ppruvat z-zip sabiex turiha li jahdem tajjeb. L-Intimata tghid illi wara xi xahar kienet rritornat l-intimata biz-zip mkisser mill-parti t' isfel. Illi l-intimata sahqet illi din il-hsara kienet negligenza tal-konsumatur peress illi l-gakketta kienet double zip u cioe' tinfetah ukoll minn isfel sabiex ma jkunx hemm stress fuq l-istess zip.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi fi ftit kliem il-pendenza bejn il-partijiet titratta dwar jekk iz-zip tal-gakketta mixtrija mir-rikorrenti kienx wiehed difettuz jew inkella saritx hsara mir-rikorrenti stess.

Illi l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li: *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"*. Inoltra l-Artikolu 559 tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi: *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib";*

Illi jinghad illi t-Tribunal huwa rinfaccat b'zewg verzjonijiet li huma kompletament kontrastanti. Illi minn naha r-rikorrenti tghid illi z-zip kien wiehed difettuz filwaqt li l-intimata tishaq illi l-istess zip ntuza hazin peress li huwa double zip u ghalhekk irid jinfetah minn isfel sabiex ma jkollux *pressure* Zejda, kif wisq probabli gara f'dan il-kaz.

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-istess zip kien diga' bil-hsara tant illi l-intimata kienet hadet l-gakketta ghand certu Meli sabiex jinbdel pero' kif hija stess xehdet iz-zip ma kienx inbidel izda tranga. Illi sussegwentament l-istess zip rega' zvillupatlu hsara din id-darba fil-parti t'isfel.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti giet ippruvata u dan peress illi jidher illi l-istess zip tal-gakketta kien wiehed difettuz izda minkejja li kien tranga l-ewwel darba rega' zvillupalu difett iehor.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' it-talba tar-rikorrenti jikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' tletin Euro (€ 30) b'dana pero l- intimata jkollha d-dritt wara l-hlas li terga tigbor l-gakketta in kwistjoni.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070